MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1390/1996/1

Annetto Farrugia

Vs

Salvu Farrugia

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-30 ta' April 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-kontendenti, li huma ahwa, ftehmu illi jaghmlu shab bejniethom biex l-ewwel jaghmlu l-miljoramenti li kienu mehtiega fil-Kingfisher Restaurant, f'Wied iz-Zurrieq, li hu mikri lill-konvenut u biex wara jiggestixxu flimkien dan ir-restaurant; illi l-konvenut kien kontinwament jghid lill-attur illi hu kien fi hsieu li dan il-ftehim jaghmlu bil-kitba biex d-drittijiet tieghu jkunu jirrizultaw minn skrittura izda fil-fatt dan qatt ma ghamel dan; illi sadanittant l-attur hareg is-somma ta' tlettax-il elf mitejn u hamsa u hamsin lira (LM13,255.00) biex setghu saru l-miljoramenti fir-restaurant hawn fuq imsemmi kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni

tal-kawza; illi wara li l-konvenut baqa' ma riedx jersaq biex issir l-iskrittura dwar is-shab flimkien u peress li l-attur ma kien qed idahhal xejn mill-gestjoni, l-attur ma riedx jibqa' aktar f'din is-sitwazzjoni u wara li informa lill-konvenut b'dan l-istess konvenut assikura verbalment kemm lill-attur u kif ukoll lill-persuni ohra illi hu kien ser jirrifondi lill-attur l-ammont hawn fuq imsemmi; illi l-konvenut baqa' inadempjenti anke wara li l-attur interpellah biex jaghmel dan il-hlas; illi barra mill-flus li hareg l-attur dan ta ukoll sehemu biex xoghol tieghu l-ewwel biex setghu saru l-miljoramenti u, wara li r-restaurant rega beda jopera, fil-gestjoni tal-istess restaurant u dana kollox bejn Marzu 1995 u nofs Settembru 1995; illi ta' dan ix-xoghol li ghamel l-attur ma irceva l-ebda kumpens mill-konvenut, ghalkemm l-attur interpellah biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens lilu dovut; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut jrrifondi lill-attur s-somma ta' LM13,255.00 biex setghu saru l-miljoramenti fil-Kingfisher Restaurant, Wied iz-Zurrieq;
2. tillikwida kumpens gust u xieraq dovut lill-attur mill-konvenut ghax-xoghol li dan ghamel fil-miljoramenti u fil-gestjoni tal-Kingfisher Restaurant, Wied iz-Zurrieq, bejn Marzu 1995 u nofs Settembru 1995;
3. tikkundanna lill-konvenut jhallas dak l-ammont li jigi hekk likwidat.

Bl-imghaxijiet legali u l-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' ......... ta' Frar, 1996, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-26 ta' Settembru 1996 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi kien l-attur li ddekada mill-obbligi tieghu ta' socji flimkien mal-konvenut meta abbanduna l-gestjoni tar-restaurant Kingfisher f'Wied iz-Zurrieq;
2. illi s-somma ta' LM13,255.00 li allegatament nefaq l-attur hija esagerata;
3. illi l-konvenut hareg madwar LM35,000 fil-miljoramenti li saru u ghalhekk huwa kreditur ta' l-attur.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha filwaqt li ppremetta illi l-attur rikonvenut u l-konvenut kienu dahlu fi ftehim ta' shab biex jaghmlu miljoramenti fir-Restaurant Kingfisher, Wied iz-Zurrieq u biex l-attur jiggestixxi, flimkien ma iben l-konvenut, dan l-istess restaurant bis shab; illi l-konvenut hareg madwar LM35,000 f'miljoramenti li saru fir-restaurant de quo, filwaqt li l-attur rikonvenut hareg ferm anqas; illi wara li saru l-miljoramenti kollha u beda fil-gestjoni tar-restaurant wara perjodu qasir, l-attur rikonvenut kapriccozament u minghajr raguni valida iddekada mill-ftehim li kien hemm vigenti bejn il-kontendenti li jghin fil-gestjoni tar-restaurant de quo; talab li din il-Qort:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-attur rikonvenut iddekada mill-obbligi kontrattwali tieghu li jghin fil-gestjoni tar-restaurant Kingfisher, Wied iz-Zurriq u hekk irreka danni konsegwenzjali lill-konvenut;
2. tillikwida tali danni hekk irrekati;
3. tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-konvenut tali danni hekk likwidati;
4. tiddikjara u tiddecidi li l-attur rikonvenut huwa debitur tal-konvenut f'ammont li jigi likwidat minn din il-Qorti;
5. tillikwida tali somma;
6. tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-konvenut tali somma hekk likwidata.

Bl-imghax u bl-ispejjes u b'riserva ta' kull dritt fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut u inoltre osservat li d-dokument A li jssemma sew fin-nota tal-eccezzjonijiet kif ukoll fil-kontro talba ma giex annessi mal-atti.

Rat in-nota ta' l-attur tas-17 ta' Ottubru 1996 li permezz taghha, b'risposta ghall-kontro talba tal-konvenut, eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-konvenut li rrifjuta illi l-ftehim verbali li kien sar jaghmlu bil-miktub kif kien gie miftiehem u l-konvenut kien accetta li jhallas dak dovut lill-attur rikonvenut dak illi kien hareg u fil-fatt diga ghamel pagament akkont ta' LM1,000.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur rikonvenut u wkoll osservat li d-dokument li jissemma f'dan l-att ma giex anness mal-atti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 1996 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-24 ta' Jannar 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat in-nota tal-attur tal-24 ta' Jannar 1997 li permezz taghha huwa rriduca t-talba tieghu bis-somma ta' LM1,000 stante pagamenti ta' din is-somma fil-mori tal-kawza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-konvenut.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-1995 il-lokazzjoni favur il-konvenut tal-istabiliment maghruf bhala King Fisher Restaurant, gewwa Wied iz-Zurrieq, kienet waslet fit-tmien taghha. Fl-istess hin il-konvenut ma riedx jibqa' fin-negozju ta' "restaurateur" wara tlettax il-sena u sabiex ma jintilifx l-avviament ta' dan in-negozju l-istess konvenut kien avvicina lill-huh, l-attur Annetto Farrugia, bl-idea li jaghmlu akkordju bejniethom billi l-kirja terga tiggeded f'isem il-konvenut, isiru benefikati fil-fond in kwistjoni u wara l-imsemmi restaurant, issa "refurbished", jibda jigi gestit mill-attur u iben il-konvenut.

Bhal ma jaghmlu l-ahwa ma saret ebda skrittura billi l-kontendenti fdaw lill-xulxin u, wara li reget iggeddet il-kirja, bdew isiru diversi xogholijiet fil-fond u saru diversi akkwisti in konnessjoni mal-gestjoni tal-fond bhala restaurant. Ma innzammux "records" dwar kemm intnefaq u lanqas min kien qed johrog il-flus. L-attur jghid li huwa hareg certa somma indikata fic-citazzjoni - il-konvenut, filwaqt li jaccetta fil-principju li huh sborsa xi somom ta' flus, ghalkemm mhux kemm gie indikat fl-att promotur, jghid li huwa nefaq ferm aktar u ghalhekk jinsab kreditur ta' l-attur.

Ghal habta ta' l-ahhar ta' April, bidu ta' Mejju 1995, x-xoghol fil-fond tlesta u li stabiliment rega' fetah ghall-pubbliku. Kienu jahdmu fih regolarment l-attur u iben il-konvenut cioe Mario Farrugia ghalkemm jirrizulta li l-konvenut, minkejja li kien refa' minn dan it-tip ta' xoghol, kien jattendi kuljum jew kwazi kuljum fir-restaurant u sahansitra jinkassa it-"takings" tal-gurnata. Il-konvenut jghid li peress li huwa kien hareg hafna flus u ried li dawn jithallsu lura lilu kemm jista' jkun malajr, issugerixxa li l-istabilment jiftah ukoll nhar ta' Tnejn, stante ukoll li kien iz-zmien tas-sajf. L-attur donnu accetta dan is-suggeriment biss wara xi ftit insista li l-gurnata tat-Tlieta tibqa' libera biex hu jkun jista' joqghod mal-familja. Ma jidhirx li intlahaq ftehim dwar dan is-suggeriment, anzi ghal kuntrarju jidher li kull disgwid li inholoq bejn l-kontendenti beda proprju minhabba li f'gurnata tat-Tlieta, meta ma kienx attenda fir-restaurant l-attur, il-konvenut spicca biex sgassa l-bieb, peress li kellu xi klienti ghal ikel, u wara biddel is-serratura minghajr ma ta kopja tac-cavetta lill-attur. Dan ghalhekk hass ruhu urtat billi hass li kien gie maghluq barra mil-istabiliment. L-attur jghid li minhabba dan l-incident, kif ukoll minhabba l-fatt li ma kienx qed jircevi ebda hlasijiet, la in rifuzjoni tal-ispejjes maghmula u lanqas bhala salarju jew parti mill-profitti, huwa ddecida li ma jibqax jifforma parti minn l-arrangament li kien ghamel ma' huh il-konvenut u talab rifuzjoni tal-ispejjes li ghamel u salarju mhux imhallas.

Ikkunsidrat:-

L-ewwel kwistjoni li trid tigi ndagata, u dan billi tista' teffettwa li stat u l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri, hija r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti.

Ma hemmx kontestazzjoni li, kif inghad fuq, kien sar diskors bejn il-kontendenti dwar il-gestjoni tar-Restaurant King Fisher, f'Wied iz-Zurrieq. Hemm qbil ukoll li fuq dan id-diskors u sussegwenti ftehim, ma sar xejn bil-miktub. Mill-atti ma jidhirx car jekk kwalunkwe ftehim ta' shubija li nholoq bhala rizultat tad-diskors li sar bejn il-kontendenti, kienx intiz li jorbot lill-attur u l-konvenut jew lill-attur u iben

il-konvenut. Certament l-hsieb kien li l-istabilment ikun gestit mill-attur u Mario Farrugia, iben il-konvenut, u dana peress li l-konvenut kien ser jirtira minn dan ix-xoghol. Izda dan il-fatt wahdu ma warrabx l-possibilita' ta' partecipazzjoni tal-istess konvenut f'kwalunkwe socjeta' civili li setghet inholqot. Fil-premessi tac-citazzjoni l-attur jghid hekk: "*illi l-kontendenti, li huma ahwa, ftehmu illi jaghmlu shab bejniethom biex l-ewwel <u>jaghmlu l-miljoramenti</u> li kienu mehtiega fil-Kingfisher Restaurant, f'Wied iz-Zurrieq, li hu mikri lill-konvenut, u biex <u>wara jiggestixxu flimkien</u> dan ir-restaurant.*"

Il-konvenut jidher pjuttost imhawwad fuq din il-kwistjoni. Fin-nota tal-eccezzjonijiet huwa jghid li "*kien l-attur li <u>ddekada mill-obbligi tieghu ta'</u> <u>**socji flimkien mal-konvenut**</u> meta abbanduna l-gestjoni tar-restaurant Kingfisher, f'Wied iz-Zurrieq.*" Fil-kontro talba l-istess konvenut jghid hekk: "*l-attur rikonvenut u l-konvenut kienu dahlu fi <u>ftehim ta' shab biex jaghmlu miljoramenti fir-restaurant ..... u biex l-attur jiggestixxi flimkien ma' iben il-konvenut dan l-istess restaurant</u> <u>**bi shab."**</u>* Bl-ingliz forsi hemm espressjoni li tiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-konvenut f'din l-affari "*where does he get on where does he get off."* Ghax gialadarba l-intrapriza kellha tkun it-tmexxija tar-restaurant li kellu jigi gestit mill-attur u iben il-konvenut, <u>**din kienet l-oggett tas-shubija**</u>, u kwalunkwe "disbursements" li setghu saru sew mill-attur sew mill-konvenut, qatt ma jistghu jissejhu "shubija" izda pjuttost minn naha ta' l-attur, versament ta' sehem ossia self lis-socjeta', u minn naha tal-konvenut self lill-ibnu biex dan jonfoq akkont tas-socjeta'.

Mario Farrugia kompla jikkomplika l-kwistjoni. Dan jghid li hu ma ndahal xejn fin-negozjati li saru bejn missieru u z-ziju. Kull ma jaf hu li huwa kellu jiggestixxi l-restaurant flimkien maz-ziju. Ghall-ispejjes tar-'refurbisment' jghid li dawn harighomlu missieru. Pero' dan l-istess xhud jghid li t-"takings" tal-gurnata kien johodhom missieru l-konvenut u li dan kien jhallsu paga, cioe lil Mario Farrugia, ta' LM60 fil-gimgha.

Minn dan kollu din il-Qorti hija tal-opinjoni li biex jigi determinat minn huma s-socji f'din is-*shubija* wiehed irid jhares lejn l-ghan ewlieni tal-istess shubija. Dan kien il-gestjoni tal-restaurant Kingfisher, Wied iz-Zurrieq, b'mod li s-socji proprja, kellhom ikunu u huma l-attur u iben l-konvenut u kull "disbursement" li sar minn dawn, jew b'mod dirett jew, bhal fil-kaz ta' iben il-konvenut, tramite l-istess konvenut, sar akkont u fl-interess tal-istess socjeta'. Ghalhekk il-legittimu kontradittur ma jista' qatt ikunu l-kontendenti fil-kapacita' taghhom personali izda hija l-istess socjeta' li ghandha taghmel fronti ghas-somom li l-istess socji jkun hargu fl-interess tas-socjeta' (Art. 1665 Kap 16).

Illi ghar-rigward tat-talba attrici ghall-kumpens ghax-xoghol minnu ezegwit fl-ewwel zmienijiet tal-gestjoni tar-restaurant, ghandu jigi rilevat li fl-ewwel lok socju huwa ntitolat ghall-sehem mill-profitti u mhux ghall-salarju sakemm dan ma jkun miftiehem, haga li ma rrizultatx. Fit-tieni lok jerga hawn il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur.

Ghar-rigward tal-kontro talba din ukoll ma tistax tigi kunsidrata billi jirrizulta li l-flus gew sborsati mill-konvenut ghan-nom ta' ibnu, fl-interess tas-*socjeta'* li kienet inholqot u mhux fl-interess tal-attur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddikjara li l-kontendenti ma humiex legittimi kontradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjes fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri